MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2011

Numru. 700/2010

**Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa)**

**vs**

**Emanuel Gatt ta' 43 sena, bin Michael u Carmela nee' Fenech, imwieled Birkirkara fil-11 ta' Ottubru 1966, residenti f'193, Triq Santu Rokku, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita numru 437266(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Emanuel Gatt li permezz taghha huwa gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-11 ta' Novembru 2009 u fil-jiem u x-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminjiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, tgha ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew b'xi mod li jkun xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, sabiex jiksbu xi

vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f'xi dokumnet mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tghaw taghrif falz, u cioe ccertifikati tal-VRT foloz;

kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'divsersi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, tgha ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew b'xi mod li jkun xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, bhala operaturi jew persuni li kellhom licenzja biex jittestjaw, hargu certifikati li kienu juru li l-vetturi ghaddew mit-test meta l-istess vetturi ma kienux gew ittestjati.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni mghamulha l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tqis l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat u l-koperazzjoni tal-imputat mal-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 42(a)(d), 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Reg. 25(b) tal-S.L. 65.15 ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet

ta’ Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu liberta taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------